MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRAZIO MERCIECA

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2005

Talba Numru. 10/2005

It-Tribunal ;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

"Peress illi l-konvenut kien impjegat ma' l-attur bejn Jannar 2003 u Dicembru 2003.

Peress illi l-attur kien ihallas lil konvenut, l-paga dovuta lilu kull xahar, bis-siegha.

Peress illi l-attur kien ihallas lil konvenut din il-paga qabel ma' din tkun inhadmet, u cioe kien jaghtih somma flus approssimattiva, imbaghad tigi saldata d-differenza wara li l-paga tinhadem mil-book keeper ta' l-attur.

Peress illi irrizulta illi fil-perjodu fuq imsemmi l-konvenut ircieva is-somma ta' sitt mija u wiehed u erbghin liri Maltin u disgha u disghin centezmu (Lm641.99) aktar minn li suppost.

Peress illi l-konvenut accetta dan il-fatt u wieghed diversi drabi illi ser jirrifondi din is-somma, izda huwa baqa’ qatt ma hallas xejn.

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex ma ghandux ikun ikkundannat minn dan it-Tribunal:-

1. sabiex ihallas lil attur is-somma ta’ sitt mija u wiehed u erbghin liri Maltin u disgha u disghin centezmu mhallas lilu indebitament.

Bl-imghax skond il-ligi u bl-ispejjes ta’ l-ittra ufficjali ta’ Dicembru 2004.”

Ra r-risposta li tghid hekk:

“Illi primarjament it-talba tal-attur hija intempestiva u dan peress illi l-esponenti dejjem accetta li jhallas l-ammont ta’ mija u tnejn u hamsin lira Maltija u disgha u tlettin centezmu (Lm152.39) dovuti minnu lill-attur li dwaru ma hemmx kontestazzjoni bejn il-kontendenti.

Illi dwar il-bilanc ta’ erba’ mija u disgha u tmenin lira Maltija u sittin centezmu (Lm489.60) l-pretensjonijiet tal-attur huma totalment infondati fid-dritt u fil-fatt.

Dan peress illi fid-29 ta’ Novembru tas-sena 2003 l-esponenti ta’ l-avviz tat-terminazzjoni ta’ l-impjieg lill-attur. Illi a termini tal-artikolu 34 (9) tal-Cap 135 tal-Ligijiet ta’ Malta f’dan il-kaz il-principal ghandu ghazla jew li jhalli lill-impjegat li jkompli jahdem sakemm iz-zmien tal-avviz jaghlaq, jew li f’kull zmien li jkun ghaddej iz-zmien tal-avviz ihallas lill-impjegat somma li tkun daqs il-paga li jkun imissu jhallas dwar iz-zmien tal-avviz li ma jkunx ghalaq. Illi fil-kaz odjern l-attur ghazel illi jittermina l-impjieg tal-esponenti tlett gimghat qabel l-gheluq taz-zmien tan-‘notice period’ relattiv ghall-impjieg tieghu.

Mhux talli l-attur ma hallasx lill-esponenti dan l-ammont ta’ Lm244.80c, izda skond il-kontijiet redatti minnu, huwa iddebita lill-esponenti b’ammont iehor ta’ Lm244.80c

bhallikieku kien l-esponenti illi abbanduna l-impjieg qabel gheluq in-notice period – flok bl-invers.

Illi ghalhekk is-somma ta’ Lm489.60 ghandha titnaqqas mill-ammont mitlub mill-attur, u ghaldaqstant l-esponenti hu tenut jirrifondi biss lill-attur is-somma ta’ Lm152.39.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-iitri ufficjali ta’ Jannar 2005.”

Sema’ l-provi

Ikkunsidra

Illi l-qalba tal-kwistjoni bejn il-partijiet kontendenti hi li filwaqt li l-attur jghid li l-konvenut, allura impjegat mieghu, qabad u rrizenja fil-5 ta’ Dicembru 2003 minghajr ma tah *notice;* il-konvenut jghid li tah in-*notice* skond il-ligi.

Jirrizulta l-konvenut iffirma l-ETC-103 a fol 40 mimlija minn qabel mill-book-keeper tal-attur u li fuqha hemm miktub *notice not given, resigned on 05-12-2003*. Il-konvenut jichad li dawn il-kliem kienu diga miktuba meta ffirma; izda dan hu kontradett minn Joseph Refalo, book-keeper tal-attur li gie prodott mill-istess konvenut u allura dak li jghid zgur li jghodd bhala prova kontra tieghu stess. Kif inhu maghruf, *contra scriptum non est argumentum*; u barra minn hekk il-piz tal-prova li l-konvenut ma ffirmax ghal dak kollu miktub fuq skrittura, ghax kien hemm xi zidiet wara, jinkombi fuqu – u certament li l-konvenut mhux talli ma helisx minn dan il-piz, talli kompla jzid fuqu bid-deposizzjoni tal-imsemmi xhud Joseph Refalo. Di piu’, ufficcjali tal-Labour Office prodotti mill-konvenut cahdu li l-konvenut ma ikellimhom dwar in-*notice-money.*

It-Tribunal jixtieq *sua sponte* jirrimarka li fl-avviz tat-talba tieghu, bhala unika kawzali l-attur jitlob ir-restituzzjoni ta’ ammont minnu indebitament imhallas; filwaqt li jirrizulta mill-provi li parti minn din is-somma hija dovuta ghan-nuqqas tal-ghoti tan-notice. B’danakollu, billi t-Tribunal ghandu procedura sommarja, u jiddeciedi fuq bazi ekwitattiva (sia pure ekwita’ skond il-ligi) dan mhux marbut

strettament mal-kawzali kif redatta, purke' dejjem ma jigix lez il-principju sagrosant tal-*audi alteram partem.*

Illi dwar il-*quantum* tal-ammont reklamat mill-attur, dan jirrizulta sodisfacentement ippruvat mid-dokumenti minnu esibiti.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba tal-attur u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallsu s-somma ta' LM641.99 dovuta in parti ghal somma lilu mhallsa indebitament u in parti bhala *notice-money* bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali ta' Dicembru 2004; b'dan li l-imghax mid-data ta' din id-decizjoni sad-data tal-hlas effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------